Nru. 17,460
Prezz 48ċ
Price 48c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 22 ta' Awissu, 2003
Friday, 22nd August, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 741

AWTORITÀ NAZZJONALI TAX-XOGĦOL

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd li, bis-saħħa ta' Artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1990 dwar is-Servizz ta' Impjieg u Taħriġ, il-President ta' Malta, fuq parir tal-Prim Ministru, għoġbu japprova l-ħatriet indikati hawn taħt fl-Awtorità Nazzjonali tax-Xogħol:

Membri Indipendenti
Ms Antonia Borg Grech - *Chairperson*
Ms Tessie Zerafa - Deputat *Chairperson*

Membri li jirrappreżentaw l-interessi ta' min iħaddem
Is-Sur Lino D. Abela, L.P.
Dott. Roslyn Borg, LL.D.

Membri li jirrappreżentaw l-interessi ta' l-impjegati
Is-Sur Alfred Buhagiar
Is-Sur Michael Parnis, Dip. Ind. Rel.

Dawn il-ħatriet huma għal perijodu ta' sentejn b'seħħ mit-28 ta' Mejju, 2003.

It-22 ta' Awissu, 2003

GOVERNMENT NOTICES

No. 741

NATIONAL EMPLOYMENT AUTHORITY

IT is hereby notified that, in terms of Article 3 of the Employment and Training Services Act, 1990, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has been pleased to approve the following appointments on the National Employment Authority:

Independent Members
Ms Antonia Borg Grech - Chairperson
Ms Tessie Zerafa - Deputy Chairperson

Members representing the interests of the employers
Mr Lino D. Abela, L.P.
Dr Roslyn Borg, LL.D.

Members representing the interests of the employees
Mr Alfred Buhagiar
Mr Michael Parnis, Dip. Ind. Rel.

The above appointments are for a period of two years with effect from the 28th May, 2003.

22nd August, 2003

Nru. 742

KUMITAT ĠENERALI TAL-KUNTRATTI

SKOND ir-Regolament 6 tar-Regolamenti tas-Servizz Pubbliku dwar l-Akkwisti 1996, il-Prim Ministru approva illi għal perjodu mill-1 ta' Awissu 2003 sal-31 ta' Lulju 2004, il-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti jkun magħmul minn dawn il-persuni:-

Chairman
Is-Sur J. V. Spiteri, Direttur Ġenerali tal-Kuntratti

Chairmen Sostituti
Is-Sur A. J. Bonello - Assistent Direttur
Is-Sur J. M. Meli - Assistent Direttur

Membri
Is-Sur Joseph Borg Grech, B. Arch., B.E.&A., A.&C.E., Dipl. C.D., M.R.T.P.I.
Is-Sur Joseph Zammit, L.P.
Is-Sur Joseph Mizzi, B.Eng., A.&C.E.
Is-Sinjura Edwige Xuereb
Is-Sur Carmel Gatt, A.C.I.B.
Is-Sur Carmel J. Delicata, C.P.A.A., F.C.I.B., F.I.A., F.C.I.S.
Is-Sur Robert Carabot
Is-Sur Sebastian Debono, B.A., L.P., Dip. Ed.Guid.

Konsulent Tekniku
Is-Sur Maurice Galea, B.Sc., Tech., B.Eng., B.E.&A., A.&C.E., M.I. Mech. E.

Segretarji
Is-Sur Anthony Borg
Is-Sur Norman J. Borg
Is-Sur Mario Borg
Is-Sur Oreste Cassar

It-22 ta' Awissu, 2003

No. 742

GENERAL CONTRACTS COMMITTEE

IN terms of Regulation 6 of the Public Service (Procurement) Regulations 1996, the Prime Minister has approved that for the period 1st August 2003 to 31st July 2004, the General Contracts Committee be made up of the following persons:-

Chairman
Mr J. V. Spiteri, Director General - Contracts

Substitute Chairmen
Mr A. J. Bonello - Assistant Director
Mr J. M. Meli - Assistant Director

Members
Mr Joseph Borg Grech, B. Arch., B.E.&A., A.&C.E., Dipl. C.D., M.R.T.P.I.
Mr Joseph Zammit, L.P.
Mr Joseph Mizzi, B.Eng., A.&C.E.
Mrs Edwige Xuereb
Mr Carmel Gatt, A.C.I.B.
Mr Carmel J. Delicata, C.P.A.A., F.C.I.B., F.I.A., F.C.I.S.
Mr Robert Carabot
Mr Sebastian Debono, B.A., L.P., Dip. Ed.Guid.

Technical Adviser
Mr Maurice Galea, B.Sc., Tech., B.Eng., B.E.&A., A.&C.E., M.I. Mech. E.

Secretaries
Mr Anthony Borg
Mr Norman J. Borg
Mr Mario Borg
Mr Oreste Cassar

22nd August, 2003

Nru. 743

ĦATRA TA' AĠENT SKRIVAN TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	UFFIĊĊJU *OFFICE*	DATA *DATE*
Ms Josanne Bonello	Skrivan tal-Kamra *Clerk to the House*	Kamra tad-Deputati *House of Representatives*	10-24.8.2003

It-22 ta' Awissu, 2003

No. 743

APPOINTMENT OF ACTING CLERK TO THE HOUSE OF REPRESENTATIVES

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

22nd August, 2003

Nru. 744

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (AVJAZZJONI ĊIVILI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja :–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Anthony Gatt	Direttur Ġenerali *Director General*	Avjazzjoni Ċivili *Civil Aviation*	25.8-01.9.2003

It-22 ta' Awissu, 2003

No. 744

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (CIVIL AVIATION)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Transport and Communications has approved the following acting appointment:–

22nd August, 2003

Nru. 745

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond is-sub-artikolu (1) ta' l-artikolu 49 ta' l-Att ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), il- Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuni msemmija hawn taħt ikunu nominati mill-ġdid Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsill Lokali rispettiv:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju*
Pembroke	Kevin Borg
Birżebbuġa	George Galea

It-22 ta' Awissu, 2003

No. 745

LOCAL COUNCIL SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that, in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act 1993 (Act No. XV of 1993), the Minister for Justice and Home Affairs has approved that the following persons be re-appointed Executive Secretaries of the respective Local Council:–

Local Council (Locality)	*Secretary*
Pembroke	Kevin Borg
Birżebbugia	George Galea

22nd August, 2003

Nru. 746

SEGRETARJI TAL-KUNSILLI LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond is-sub-artiklu (1) ta' l-artiklu 49 ta' l-Att ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV ta' l-1993), il- Ministru għall-Ġustizzja u l-Intern approva illi l-persuna msemmija hawn taħt tkun nominata Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali rispettiv:–

Lokalità tal-Kunsill Lokali	*Segretarju Eżekuttiv*
Lija	Edmond Buhagiar

It-22 ta' Awissu, 2003

No. 746

LOCAL COUNCILS SECRETARIES

IT is hereby notified for general information that, in terms of sub-section (1) of section 49 of the Local Councils Act 1993 (Act No. XV of 1993), the Minister for Justice and Home Affairs has approved that the following person be appointed Executive Secretary of the respective Local Council:–

Local Council (Locality)	*Executive Secretary*
Lija	Edmond Buhagiar

22nd August, 2003

Nru. 747

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Clinton Bellizzi, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dott. Joseph Abela, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer.

Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-18 ta' Awissu, 2003

No. 747

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Clinton Bellizzi, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for the Acts of Notary Dr Joseph Abela, LL.D., during the latter's absence from these Islands.

Registrar
Court of Revision of Notarial Acts

18th August, 2003

Nru. 748

ORDINANZA DWAR L-GĦELUQ TA' ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Buskett

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar il-Ħadd, l-14 ta' Settembru, 2003, bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar l-użu tat-tinda tal-ġonna tal-Buskett, se jkun taħt il-kontroll tal-Partit Nazzjonalista.

It-22 ta' Awissu, 2003

No. 748

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Buskett Gardens

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that on Sunday, 14th September 2003, between 8.30 a.m. and noon, the shed at Buskett Gardens will be under the control of the Nationalist Party.

22nd August, 2003

Nru. 749

ORDINANZA DWAR L-GĦELUQ TA' ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Buskett

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar it-Tnejn, it-8 ta' Settembru, 2003, l-użu tat-tinda tal-ġonna tal-Buskett, se jkun taħt il-kontroll ta' l-Azzjoni Kattolika.

It-22 ta' Awissu, 2003

No. 749

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Buskett Gardens

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that on Monday, 8th September 2003, the shed at Buskett Gardens will be under the control of Azzjoni Kattolika.

22nd August, 2003

Nru. 750

ORDINANZA DWAR L-GĦELUQ TA' ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq, Valletta

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi (Kap. 34) il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent approva li nhar it-Tlieta, id-9 ta' Settembru 2003, minn nofsinhar 'il quddiem il-ġonna tal-Barrakka ta' Fuq se jkunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' Events Travel and Incentives Ltd.

It-22 ta' Awissu, 2003

No. 750

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Upper Barrakka Gardens, Valletta

IT is notified for general information that as enabled by section 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance (Cap. 34) the Minister for Rural Affairs and the Environment has approved that on Tuesday 9th September 2003, from noon onwards, the Upper Barrakka Gardens will be closed to the general public and will be under the control of Events Travel and Incentives Ltd.

22nd August, 2003

Nru. 751

ATT DWAR POTERI LI JSIRU REGOLAMENTI FL-INTERESS NAZZJONALI (KAP. 365)

Emenda għall-Manwal li jġib l-isem ta' "Lista ta' Tagħmir Militari" skond ir-Regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Kontroll fl-Esportazzjoni ta' Tagħmir Militari

ID-DIRETTUR Ġenerali, Kummerċ, jgħarraf lill-pubbliku ġenerali li, b'effett immedjat, il-Manwal li jġib l-isem "Lista ta' Tagħmir Militari" kif imfisser fir-regolament 2 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Kontroll fl-Esportazzjoni ta' Tagħmir Militari (A.L. 269 ta' l-2001) u ppubblikat bin-Notifikazzjoni tal-Gvern 918 ta' l-2001 qed jiġi emendat fit-tieni testatura "*Definitions*" fit-test Ingliż kif ġej:-

Dawn id-definizzjonijiet ġodda li ġejjin għandhom jidħlu immedjatament wara d-definizzjoni ta' "*special gun-mounting*":-

"specially designed for military use" and "specially designed or modified for military use" mean items which have been specially designed or specially modified in such a way that the items may have military applications, and include also those items which, after having been so designed or modified, are intended to be used for any purpose;"

It-22 ta' Awissu, 2003

No. 751

NATIONAL INTEREST (ENABLING POWERS) ACT (CAP. 365)

Amendment to the Manual entitled "List of Military Equipment" in terms of Regulation 2 of the Military Equipment (Export Control) Regulations, 2001

THE Director General, Commerce, notifies the general public that, with immediate effect, the Manual entitled "List of Military Equipment" as defined in regulation 2 of the Military Equipment (Export Control) Regulations, 2001 (L.N. 269 of 2001) and published in the Government Notice 918 of 2001 is being amended in the second heading "Definitions" as follows:-

The following new definitions should be inserted immediately after the definition for "special gun-mounting":-

"specially designed for military use" and "specially designed or modified for military use" mean items which have been specially designed or specially modified in such a way that the items may have military applications, and include also those items which, after having been so designed or modified, are intended to be used for any purpose;"

22nd August, 2003

Nru. 752

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAPITLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
14.8.03	Lm4.42c0	7c3
18.8.03	Lm4.45c2	7c3
19.8.03	Lm4.48c1	7c3
20.8.03	Lm4.52c5	6c8
21.8.03	Lm4.57c1	7c5

It-22 ta' Awissu, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 75

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu klassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jieqfu fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Marsa

Nhar is-Sibt, it-23 ta' Awissu, 2003 mis-1.00 p.m. sa nhar il-Ħadd, l-24 ta' Awissu 2003 sa nofsillejl minn Triq Isouard minn kantuniera ma' Triq Nerik Sacco sa Triq Ħal Qormi.

San Ġiljan

Nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Awissu, 2003, mis-6.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: it-Telgħa ta' Birkirkara, Sant'Anġlu, Lapsi, il-Kbira, San Ġorġ, Pjazza Qalb ta' Gesu, Elija Zammit, id-Dragonara, il-Wilġa, il-Knisja, Schreiber, Paceville, Ross, San Ġorġ u l-Bajja ta' Spinola.

No. 752

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

22nd August, 2003

POLICE NOTICE

No. 75

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Marsa

On Saturday, 23rd August, 2003 from 1.00 p.m. to Sunday, 24th August 2003 till midnight through Triq Isouard from corner with Triq Nerik Sacco to Triq Ħal Qormi.

St Julians

On Friday, 29th August, 2003, from 6.00 p.m. till midnight through the following streets: it-Telgħa ta' Birkirkara, Sant'Anġlu, Lapsi, il-Kbira, San Ġorġ, Pjazza Qalb ta' Gesu, Elija Zammit, id-Dragonara, il-Wilġa, il-Knisja, Schreiber, Paceville, Ross, San Ġorġ and Spinola Bay.

Nhar is-Sibt, it-30 ta' Awissu, 2003, mis-6.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Sant'Anġlu, il-Karmnu, San Elija, il-Kbira, Ġorġ Borg Olivier, San Ġorġ u l-Pjazza Qalb ta' Ġesù.

Nhar il-Ħadd, il-31 ta' Awissu, 2003, mill-10.00 a.m. sas-2.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġorġ, il-Pjazza Qalb ta' Ġesù, il-Kbira u George Borg Olivier.

Nhar il-Ħadd, il-31 ta' Awissu, 2003, mis-6.00 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Forrest, il-Mensija, San Ġorġ, il-Kbira, Lapsi, Sant'Anġlu, it-Telgħa ta' Birkirkara, George Borg Olivier u l-Pjazza Qalb ta' Ġesù.

Nhar il-Ġimgħa id-29 ta' Awissu 2003, nhar is-Sibt it-30 ta' Awissu 2003 u nhar il-Ħadd il-31 ta' Awissu 2003, mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Triq Ġorġ Borg Olivier li tibda minn naħa Triq il-Kbira sal-Pjazza Qalb ta' Ġesù u kif ukoll Triq San Ġorġ li tibda minn Pjazza Qalb ta' Ġesù sa Triq Spinola se jkunu klassifikati bħala żona pedonali u għalhekk mhux se jitħallew vetturi jgħaddu jew jipparkjaw f'dawn it-toroq.

Tas-Sliema

Nhar l-Erbgħa, it-3 ta' Settembru 2003, bejn l-10.15 p.m. u l-11.00 p.m. minn Triq it-Torri minn Triq San Franġisk sa Triq Dingli.

Nhar il-Ħamis, l-4 ta' Settembru 2003, bejn id-9.00 p.m. u d-9.30 p.m. minn Triq it-Torri minn Triq San Franġisk sa Triq Dingli.

Nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru 2003, bejn id-9.30 p.m. u l-10.30 p.m. minn Triq it-Torri minn Triq San Franġisk sa Triq Dingli.

Nhar is-Sibt, is-6 ta' Settembru 2003, bejn it-8.00 p.m. u nofsillejl minn Triq it-Torri minn Triq San Franġisk sa Triq Dingli.

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Settembru 2003, bejn is-6.45 p.m. u s-7.15 p.m. minn Triq it-Torri minn Triq San Franġisk sa Triq Dingli.

Il-pubbliku ġenerali huwa mgħarraf illi nhar il-Ħadd is-7 ta' Settembru 2003, mill-4.00 p.m. sal-11.00 p.m. l-ipparkjar tal-vetturi huwa pprojbit fit-toroq li ġejjin: Isouard, Blanche, Dingli, Santa Margerita, San Franġisk, Depiro u San Injazju. Il-pubbliku ġenerali hu mitlub li jimxi mad-direzzjonijiet li jingħataw u ma' l-iskema l-ġdida tat-traffiku li se tkun issehħ matul id-dati u l-ħinijiet imsemmija.

It-trasport pubbliku se jiġi affettwat.

It-22 ta' Awissu, 2003

On Saturday, 30th August, 2003, from 6.00 p.m. till midnight through the following streets: Sant'Anġlu, il-Karmnu, San Elija, il-Kbira, Ġorġ Borg Olivier, San Ġorġ and il-Pjazza Qalb ta' Ġesù.

On Sunday, 31st August, 2003, from 10.00 a.m. till 2.00 p.m. through the following streets: San Ġorġ, il-Pjazza Qalb ta' Ġesù, il-Kbira and George Borg Olivier.

On Sunday, 31st August, 2003, from 6.00 p.m. till midnight through the following streets: Forrest, il-Mensija, San Ġorġ, il-Kbira, Lapsi, Sant'Anġlu, it-Telgħa ta' Birkirkara, George Borg Olivier and il-Pjazza Qalb ta' Ġesù.

On Friday 29th August 2003, on Saturday 30th August 2003 and on Sunday 31st August 2003, from 6.00 p.m. onwards through Triq Ġorġ Borg Olivier commencing from Triq il-Kbira till Pjazza Qalb ta' Ġesù and also Triq San Ġorġ commencing from Pjazza Qalb ta' Ġesu till Triq Spinola will be classified as pedestrian zones, thus no vehicles will be allowed to pass or park in these streets.

Sliema

On Wednesday, 3rd September 2003, between 10.15 p.m. and 11.00 p.m. through Triq it-Torri from Triq San Franġisk to Triq Dingli.

On Thursday, 4th September 2003, between 9.00 p.m. and 9.30 p.m. through Triq it-Torri from Triq San Franġisk to Triq Dingli.

On Friday, 5th September 2003, between 9.30 p.m. and 10.30 p.m. through Triq it-Torri from Triq San Franġisk to Triq Dingli.

On Saturday, 6th September 2003, between 8.00 p.m. and midnight through Triq it-Torri from Triq San Franġisk to Triq Dingli.

On Sunday, 7th September 2003, between 6.45 p.m. and 7.15 p.m. through Triq it-Torri from Triq San Franġisk to Triq Dingli.

The general public is notified that on Sunday 7th September 2003, from 4.00 p.m. till 11.00 p.m. the parking of vehicles is prohibited through the following streets: Isouard, Blanche, Dingli, Santa Margerita, San Franġisk, Depiro and San Injazju. The public is requested to follow directions given and abide by the new traffic scheme in operation during the said date and times.

Public transport will be effected.

22nd August, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 76

Bis-saħħa ta' l-artikolu 93 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu u jipparkjaw fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati. F'każ ta' vetturi pparkjati fl-imsemmija toroq ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Raħal Ġdid

Nhar il-Ħadd, l-24 ta' Awissu, 2003, bejn l-4.00 p.m. u l-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Brittania, Windsor, Inverness, Telgħet Raħal Ġdid, il-Ġdida, il-Foss, l-Arkata, Ninu Cremona, Valletta u l-Perit F. Tortell.

It-22 ta' Awissu, 2003

POLICE NOTICE

No. 76

In virtue of section 93 (1) of the Code of Police Laws (Cap. 10) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and parking of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated. Vehicles which remain parked in these streets are subject to towing.

Paola

On Sunday, 24th August, 2003, between 4.00 p.m. and 11.00 p.m. through the following streets: Brittania, Windsor, Inverness, Telgħet Raħal Ġdid, il-Ġdida, il-Foss, l-Arkata, Ninu Cremona, Valletta and il-Perit F. Tortell.

22nd August, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 77

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati. Il-vetturi ma jitħallewx jipparkjaw fit-toroq imsemmija fid-dati msemmija.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2003, mill-5.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: San Anard, il-Marżepp, l-Għakrux, il-Berebiex, Dun Salv Sciberras, iż-Żabrella, il-Baħrija, ix-Xgħajra, il-President tar-Repubblika, Luigi Bongailas, il-Liftija, Lia, il-Qalb Imqaddsa, il-Lembija u Alessio Erardi.

Nhar it-Tnejn, it-8 ta' Settembru, 2003 mill-5.30 p.m. 'il quddiem minn Pjazza Misraħ is-Sliem.

Nhar it-Tlieta, id-9 ta' Settembru, 2003 mill-5.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: tal-Plier, Santa Marija, Salvu Astarita, San Ġużepp, Biancardi, it-Tut, il-Marloċċ, Bajjada, Misraħ is-Sliem, Pjazza San Ġakbu, tal-Grazzja, San Duminku, il-Kbira, il-Kapuċċini kantuniera ma' l-Baħrija, il-Lembija, il-Qalb Imqaddsa, l-Iskola, il-Karmnu, Santa Domenika, Felice, Santa Tereża u s-Santwarju.

POLICE NOTICE

No. 77

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated. Vehicles are not allowed to park on the mentioned streets on the mentioned dates.

Żabbar

On Friday, 5th September, 2003 from 5.30 p.m. onwards through the following streets: San Anard, il-Marżepp, l-Għakrux, il-Berebiex, Dun Salv Sciberras, iż-Żabrella, il-Baħrija, ix-Xgħajra, il-President tar-Repubblika, Luigi Bongailas, il-Liftija, Lia, il-Qalb Imqaddsa, il-Lembija and Alessio Erardi.

On Monday, 8th September, 2003, from 5.30 p.m. onwards through Pjazza Misraħ is-Sliem.

On Tuesday, 9th September, 2003, from 5.30 p.m. onwards through the following streets: tal-Plier, Santa Marija, Salvu Astarita, San Ġużepp, Biancardi, it-Tut, il-Marloċċ, Bajjada, Misraħ is-Sliem, Pjazza San Ġakbu, tal-Grazzja, San Duminku, il-Kbira, il-Kapuċċini corner with il-Baħrija, il-Lembija, il-Qalb Imqaddsa, l-Iskola, il-Karmnu, Santa Domenika, Felice, Santa Tereża and is-Santwarju.

Nhar l-Erbgħa, l-10 ta' Settembru, 2003, mill-5.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: is-Santwarju, l-Inkurunazzjoni, il-Vitorja, Labour, Bajjada, Spadaro, Sant'Antnin, ir-Redentur, Agius Muscat, iċ-Ċulqana, Leli Tabone, Misraħ San Ġakbu u Misraħ is-Sliem.

Nhar il-Ħamis, il-11 ta' Settembru, 2003 mill-5.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Madonna Medjatriċi, Hompesch, il-Kunvent, id-Dukkar, Lia, Tumas Dingli, Agostino Said, il-Vulcan, l-Iskola, il-Kbira, is-Santwarju, A. Caligari, il-Farfett tal-Fejġel, il-Qaqoċċ, ix-Xgħajra, San Duminku, il-Kbira u Misraħ is-Sliem.

Nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Settembru, 2003 mill-5.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: is-Santwarju, Pjazza Madonna Medjatriċi, Giovanni Bonavia, l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Kbira, il-Kittien, Santa Domenika, Espedito Catania, is-Sagħtar, Bormla, il-Kbira, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Santa Marija, Salvu Astarita, San Ġużepp, ix-Xgħajra, Felice u San Lawrenz.

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Settembru, 2003 mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: is-Santwarju, il-Kbira, il-Kittien, Santa Domenika, Bormla, il-Kbira, il-Biċċieni, Santa Tereża, Lia, Felice, l-Iskola, il-Qalb Imqaddsa, l-Inkurunazzjoni, Bajjada, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu u x-Xgħajra.

Nhar is-Sibt, it-13 ta' Settembru, 2003 mill-5.30 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: is-Santwarju, Pjazza Madonna Medjatriċi, Giovanni Bonavia, l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Kbira, San Duminku u Misraħ is-Sliem.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Settembru, 2003 mill-10.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Labour, Hompesch, il-Kbira, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, ix-Xgħajra u s-Santwarju.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Settembru, 2003 mit-3.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ San Ġakbu, Santa Marija, San Ġużepp, ix-Xgħajra, Felice, San Lawrenz, is-Santwarju, il-Kbira u Misraħ is-Sliem.

Nhar il-Ħadd, l-14 ta' Settembru, 2003 mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Bormla, il-Kbira u s-Santwarju.

Vetturi pparkjati huma soġġetti li jiġu rmunkati.

Għajnsielem - Għawdex

Nhar it-Tnejn, il-25 ta' Awissu, 2003, mit-8.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Ġnien, Pjazza l-Indipendenza, Ramon Perellos u Pjazza l-Madonna ta' Loretu.

Nhar it-Tlieta, is-26 ta' Awissu, 2003, mid-9.00 p.m. mit-

On Wednesday, 10th September, 2003, from 5.30 p.m. onwards through the following streets: is-Santwarju, l-Inkurunazzjoni, il-Vitorja, Labour, Bajjada, Spadaro, Sant'Antnin, ir-Redentur, Agius Muscat, iċ-Ċulqana, Leli Tabone, Misraħ San Ġakbu and Misraħ is-Sliem.

On Thursday, 11th September, 2003, from 5.30 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Madonna Medjatriċi, Hompesch, il-Kunvent, id-Dukkar, Lia, Tumas Dingli, Agostino Said, il-Vulcan, l-Iskola, il-Kbira, is-Santwarju, A. Caligari, il-Farfett tal-Fejġel, il-Qaqoċċ, ix-Xgħajra, San Duminku, il-Kbira and Misraħ is-Sliem.

On Friday, 12th September, 2003, from 5.30 p.m. onwards through the following streets: is-Santwarju, Pjazza Madonna Medjatriċi, Giovanni Bonavia, l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Kbira, il-Kittien, Santa Domenika, Espedito Catania, is-Sagħtar, Bormla, il-Kbira, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, Santa Marija, Salvu Astarita, San Ġużepp, ix-Xgħajra, Felice and San Lawrenz.

On Saturday, 13th September, 2003, from 8.00 a.m. onwards through the following streets: is-Santwarju, il-Kbira, il-Kittien, Santa Domenika, Bormla, il-Kbira, il-Biċċieni, Santa Tereża, Lia, Felice, l-Iskola, il-Qalb Imqaddsa, l-Inkurunazzjoni, Bajjada, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu and ix-Xgħajra.

On Saturday, 13th September, 2003, from 5.30 p.m. onwards through the following streets: is-Santwarju, Pjazza Madonna Medjatriċi, Giovanni Bonavia, l-Immakulata Kunċizzjoni, il-Kbira, San Duminku and Misraħ is-Sliem.

On Sunday, 14th September, 2003, from 10.00 a.m. onwards through the following streets: Labour, Hompesch, il-Kbira, Misraħ is-Sliem, Misraħ San Ġakbu, ix-Xgħajra and is-Santwarju.

On Sunday, 14th September, 2003, from 3.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ San Ġakbu, Santa Marija, San Ġużepp, ix-Xgħajra, Felice, San Lawrenz, is-Santwarju, il-Kbira and Misraħ is-Sliem.

On Sunday, 14th September, 2003, from 5.00 p.m. onwards through the following streets: Bormla, il-Kbira and is-Santwarju.

Vehicles parked are subject to towing.

Għajnsielem - Gozo

On Monday, 25th August, 2003, from 8.00 p.m. through the following streets: il-Ġnien, Pjazza l-Indipendenza, Ramon Perellos and Pjazza l-Madonna ta' Loretu.

toroq li ġejjin: J. F. Chambray sal-Pjazza l-Madonna ta' Loretu.

Nhar il-Ħamis, it-28 ta' Awissu, 2003, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Borg Għarib, Simirat, Pjazza l-Indipendenza, Ramon Perellos u Pjazza l-Madonna ta' Loretu.

Nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Awissu, 2003, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: l-Imġarr, Għajnsielem u Pjazza l-Madonna ta' Loretu.

Nhar is-Sibt, it-30 ta' Awissu, 2003, mill-5.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: Ta' Cordina, l-Imġarr u Pjazza l-Madonna ta' Loretu.

Nhar is-Sibt, it-30 ta' Awissu, 2003, mid-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Ġnien, Ħamri, Pjazza tad-Dehra, il-Fawwara u Ramon Perellos.

Nhar il-Ħadd, il-31 ta' Awissu, 2003, mis-1.00 p.m. sal-5.00 p.m. minn Triq l-Imġarr.

Nhar il-Ħadd, il-31 ta' Awissu, 2003, mis-6.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza tad-Dehra, Pjazza l-Madonna ta' Loretu, Ħamri, il-Fawwara u l-Mogħdija.

Vetturi pparkjati huma suġġetti li jiġu rmunkati.

Ħal Safi

Nhar it-Tnejn, il-25 ta' Awissu, 2003, mis-7.30 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza tal-Knisja, San Pawl, Qasam tad-Djar, Ta' Rqajja', San Ġwann, it-Tamparell, Ġorġ u Santa Marija.

Nhar l-Erbgħa, is-27 ta' Awissu, 2003, mit-8.15 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġwann, il-Kuċċard, is-Summien, in-Nassaba, it-Tellerita, l-Iskola, il-Menqa, il-Kenn, il-Ġawhar, Santa Marija, San Tumas u l-Pjazza tal-Knisja.

Nhar il-Ħamis, it-28 ta' Awissu, 2003, mit-8.15 p.m. sal-11.00 p.m. mill-Pjazza tal-Knisja.

Nhar il-Ġimgħa, id-29 ta' Awissu, 2003, mid-8.45 p.m. sal-11.30 p.m. mit-toroq li ġejjin: il-Biedja, il-Feniċi, ta' Ġawhar, il-Kenn, l-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq, il-Menqa, it-Tellerit, il-Kuċċard, is-Summien, San Pawl u Pjazza tal-Knisja.

Nhar is-Sibt, it-30 ta' Awissu, 2003, mit-8.30 p.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġużepp, Santa Marija, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq u l-Pjazza tal-Knisja.

On Tuesday, 26th August, 2003, from 9.00 p.m. through the following streets: J. F. Chambrai to Pjazza l-Madonna ta' Loretu.

On Thursday, 28th August, 2003 from 9.00 p.m. through the following streets: Borg Għarib, Simirat, Pjazza l-Indipendenza, Ramon Perellos and Pjazza l-Madonna ta' Loretu.

On Friday, 29th August, 2003 from 9.00 p.m. through the following streets: l-Imġarr, Għajnsielem and Pjazza l-Madonna ta' Loretu.

On Saturday, 30th August, 2003 from 5.30 p.m. through the following streets: Ta' Cordina, l-Imġarr and Pjazza l-Madonna ta' Loretu.

On Saturday, 30th August, 2003 from 9.00 p.m. through the following streets: il-Ġnien, Ħamri, Pjazza tad-Dehra, il-Fawwara and Ramon Perellos.

On Sunday, 31st August, 2003, from 1.00 p.m. to 5.00 p.m. through Triq l-Imġarr.

On Sunday, 31st August, 2003 from 6.00 p.m. through the following streets: Pjazza tad-Dehra, Pjazza Madonna ta' Loretu, Ħamri, il-Fawwara and il-Mogħdija.

Vehicles parked are subject to towing.

Safi

On Monday, 25th August, 2003, from 7.30 p.m. to 11.00 p.m. through the following streets: Pjazza tal-Knisja, San Pawl, Qasam tad-Djar, Ta' Rqajja', San Ġwann, it-Tamparell, Ġorġ and Santa Marija.

On Wednesday, 27th August, 2003, from 8.15 p.m. to 11.00 p.m. through the following streets: San Ġwann, il-Kuċċard, is-Summien, in-Nassaba, it-Tellerita, l-Iskola, il-Menqa, il-Kenn, il-Ġawhar, Santa Marija, San Tumas and il-Pjazza tal-Knisja.

On Thursday, 28th August, 2003, from 8.15 p.m. to 11.00 p.m. through il-Pjazza tal-Knisja.

On Friday, 29th August, 2003, from 8.45 p.m. to 11.30 p.m. through the following streets: il-Biedja, il-Feniċi, ta' Ġawhar, il-Kenn, l-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq, il-Menqa, it-Tellerit, il-Kuċċard, is-Summien, San Pawl and Pjazza tal-Knisja.

On Saturday, 30th August, 2003, from 8.30 p.m. to midnight through the following streets: San Pawl, San Ġużepp, Santa Marija, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq and il-Pjazza tal-Knisja.

Nhar il-Ħadd, il-31 ta' Awissu, 2003, mill-10.30 a.m. sa nofsillejl mit-toroq li ġejjin: San Pawl, San Ġwann, San Ġorġ, il-Ħlantun, San Tumas, il-Ġawhar, il-Kaċċaturi, in-Newba, il-Biedja, Ġwann Zammit, il-Ħajt Ruman, Dolmen, l-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq, Pjazza tal-Knisja, San Ġużepp, Santa Marija u l-Menqa.

Minn nhar il-Ħadd l-24 ta' Awissu 2003 sa nhar il-Ħadd il-31 ta' Awissu 2003, Triq San Pawl kantuniera ma' Triq l-Iskola, il-Pjazza tal-Knisja u Triq Santa Marija kantuniera ma' Pjazza San Ġużepp se jkunu magħluqa għat-traffiku.

It-22 ta' Awissu, 2003

On Sunday, 31st August, 2003, from 10.30 a.m. to midnight through the following streets: San Pawl, San Ġwann, San Ġorġ, il-Ħlantun, San Tumas, il-Ġawhar, il-Kaċċaturi, in-Newba, il-Biedja, Ġwann Zammit, il-Ħajt Ruman, Dolmen, l-Iskola, Dun Ġużepp Caruana, iż-Żurrieq, Pjazza tal-Knisja, San Ġużepp, Santa Marija and il-Menqa.

From Sunday 24th August 2003 to Sunday 31st August 2003, Triq San Pawl corner with Triq l-Iskola, il-Pjazza tal-Knisja and Triq Santa Marija corner with Pjazza San Ġużepp will be closed for traffic.

22nd August, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 78

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bejn it-28 ta' Awissu, 2003 u t-8 ta' Settembru, 2003, bis-setgħat mogħtija ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala żoni ta' rmonk kif indikat:

In-Naxxar

Minn nhar il-Ħamis, it-28 ta' Awissu 2003 u bejn it-Tnejn, l-1 ta' Settembru 2003 u Tnejn, it-8 ta' Settembru 2003 minn Triq Santa Luċija u Pjazza Vittorja.

Nhar it-Tnejn, it-8 ta' Settembru, 2003 mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, Vjal il-Labour Ġdid, Vjal il-21 ta' Settembru, iż-Żenqa u Santa Luċija.

It-22 ta' Awissu, 2003

POLICE NOTICE

No. 78

The Commissioner of Police hereby notifies that between 28th August, 2003 and 8th September, 2003, in exercise of the powers confermed by article 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance of Cap. 65, the streets listed hereunder is to be classified as Tow Zone areas as indicate:

Naxxar

On Thursday, 28th August 2003 and between Monday 1st September 2003 and Monday 8th September 2003 through Triq Santa Luċija and Pjazza Vittorja.

On Monday, 8th September, 2003 through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, Vjal il-Labour Ġdid, Vjal il-21 ta' Settembru, iż-Żenqa and Santa Luċija.

22nd August, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 47 ta' l-2003

Logħob tan-Nar mill-Bajja ta' San Ġiljan

Se jsir logħob tan-nar minn fuq barkun irmiġġat fil-Bajja ta' San Ġiljan fid-dati u l-ħinijiet li ġejjin:-

Nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru 2003 - nofsinhar, id-9.30 p.m. sal-10.15 p.m.

Nhar is-Sibt, is-6 ta' Settembru 2003 - 9.15 a.m. u nofsinhar, is-6.15 p.m. sas-7.00 p.m. u mill-10.00 p.m. sal-11.30 p.m.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 47 of 2003

Fireworks Display from St Julian's Bay

Fireworks displays will be let off from a barge moored in St Julian's Bay on the following dates and times:-

On Friday, 5th September 2003 - noon, and 9.30 p.m. to 10.15 p.m.

On Saturday, 6th September 2003 - 9.15 a.m. and noon, 6.15 p.m. to 7.00 p.m. and from 10.00 p.m. to 11.30 p.m.

Nhar il-Ħadd, is-7 ta' Settembru 2003 - 8.00 a.m., nofsinhar u mis-7.30 p.m. sa l-10.30 p.m.

L-inġenji tal-baħar u l-għawwiema kollha huma mwissija biex iżommu mhux anqas minn 200 metru 'l bogħod mill-post ta' fejn se jinħarqu l-murtali matul il-wirjiet hawn fuq imsemmija.

Il-baħħara għandhom jiftakru illi l-barkun ikun irmiġġat fin-nofs tal-bajja matul il-lejl ukoll.

Tbaħħir fil-Bajja matul il-wirjiet tan-nar huwa pprojbit.

Chart effettwata BA 177.

It-22 ta' Awissu, 2003

On Sunday, 7th September 2003 - 8.00 a.m., noon and from 7.30 p.m. to 10.30 p.m.

All sea craft and bathers are warned to keep clear off an area of not less than 200 metres from the firing site during the above mentioned displays.

Mariners are to note that the barge is moored in the middle of the bay during the night as well.

Navigation within the Bay is prohibited during the actual fireworks displays.

Chart affected BA 177.

22nd August, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 48 ta' l-2003

Is-Sikka tal-Bajja tax-Xlendi

B'riferenza għall-BA Chart Nru. 211 - il-Bajja tax-Xlendi - u l-Avviż lill-Baħħara Nru. 30 ta' l-2003 maħruġ mill-Awtorità Marittima ta' Malta, ngħarrfu b'dan illi l-arblu tad-dawl tal-periklu iżolat, li jteptep *group two* li jinsab fuq is-sikka fid-daħla tal-bajja msemmija hawn fuq, fil-pożizzjoni:-

Latitude (T)	*Longitude* (L)
36° 01'.80	14° 12'.84

reġa' ġie stallat u mixgħul mill-ġdid.

Il-*Cardinal Buoy* temporanja tan-Nofsinhar tneħħiet.

Charts affettwati: BA 211, 2537 u 2538.

It-22 ta' Awissu, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 48 of 2003

Xlendi Bay Reef

With reference to BA Chart No. 211 - Xlendi Bay - and to the Malta Maritime Authority's Notice to Mariners No. 30 of 2003, it is hereby notified that the isolated danger light pole, flashing group two situated on the reef in the entrance of the above-mentioned bay, in position:-

Latitude (N)	*Longitude (E)*
36° 01'.80	14° 12'.84

has been re-instated and relit.

The temporary South Cardinal Buoy has been removed.

Charts affected: BA 211, 2537 and 2538.

22nd August, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi ta' *Lecturing Staff*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ jimpjega *full-time lecturing staff* biex jgħallmu s-suġġetti li ġejjin:–

Edukazzjoni u Żvilupp tat-Tfal
Elettronika (Malta u Għawdex)
Panel Beating
Sengħa tal-ġebel
Telekomunikazzjoni (Malta u Għawdex)

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*.

Jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet biss jekk jiġu sottomessi fuq il-formoli ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ. Dawn jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST *Main Campus*, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. Id-data ta' l-għeluq biex jintlaqgħu dawn l-applikazzjonijiet hija nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2003 f'nofsinhar. Ma jintlaqgħux applikazzjonijiet li jaslu tard.

It-22 ta' Awissu, 2003

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies of Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit full-time lecturing staff to teach the following subjects:–

Child Education and Development
Electronics (Malta and Gozo)
Panel Beating
Stonecraft
Telecommunications (Malta and Gozo)

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis.

Applications will only be considered if submitted on the College Application Forms. These are available from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. The closing date for receipt of applications is Friday, 5th September, 2003 at noon. Late applications will not be considered.

22nd August, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi fiċ-Ċentru ta' l-MCAST f'Għawdex

Minħabba t-tkabbir ta' l-MCAST, b'mod partikolari l-inkorporazzjoni tat-tliet istituti, prinċipalment l-Istitut ta' l-*Agribusiness*, l-Istitut tas-Servizzi fil-Komunità u l-Istitut ta' l-Inġinerija Mekkanika, il-Kulleġġ jista' jeħtieġ *full-time* u *part-time lecturing staff* biex jgħallmu s-suġġetti li ġejjin f'Għawdex:–

Accounts
Agrikoltura
Kapaċitajiet Bażiċi
Teknoloġija tal-Bini u Kostruzzjoni
Kura
Ingliż
Fabbrikazzjoni - *Welding*, *Steelmetal*, *Plumbing*
Hairdressing
Teknoloġija ta' l-Informatika u Komunikazzjoni
Malti

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies at the MCAST Gozo Centre

Due to the expansion of MCAST, in particular the incorporation of three Institutes, namely the Institute of Agribusiness, the Institute of Community Services and the Institute of Mechanical Engineering, the College may require full-time and part-time lecturing staff to teach the following subjects in Gozo:–

Accounts
Agriculture
Basic Skills
Building and Construction Technology
Care
English
Fabrication - Welding, Steelmetal, Plumbing
Hairdressing
Information and Communication Technology
Maltese

Matematika
Inġinerija Mekkanika
Xjenza Fiżika
Technical/Engineering Drawing
Xogħol ta' l-injam

IT Study Room Supervisor

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. Applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati biss jekk jiġu sottomessi fuq il-formoli ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ. Dawn jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST *Main Campus*, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid u fiċ-Ċentru ta' l-MCAST f'Għawdex, 121, Triq it-Tiġrija, ix-Xagħra, Għawdex. Id-data ta' l-għeluq biex jintlaqgħu dawn l-applikazzjonijiet hija nhar it-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2003 f'nofsinhar. Ma jintlaqgħux applikazzjonijiet li jaslu tard.

It-22 ta' Awissu, 2003

Mathematics
Mechanical Engineering
Physical Science
Technical/Engineering Drawing
Woodwork

IT Study Room Supervisor

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Applications will only be considered if submitted on the College Application Forms. These are available from the Office of the Administrative Director, at MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid and from the MCAST Gozo Centre, 121, Triq it-Tiġrija, Xagħra, Gozo. The closing date for receipt of applications is Monday 1st September 2003 at noon. Late applications will not be considered.

22nd August, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet magħluqin għal:–

Deputati Diretturi
Istitut ta' l-Arti u Disinn
Istitut ta' l-Informazzjoni u Teknoloġija ta' l-Informatika

biex jagħmilha ta' wieħed minn żewġ Deputati tad-Direttur ta' dawn l-Istituti b'responsabbiltajiet partikolari għall-iżvilupp tal-kurrikulu u l-i*staff*. Applikanti għandu jkollhom ta' l-inqas ħames snin esperjenza ta' *manager* flimkien ma' esperjenza fl-oqsma li għandhom x'jaqsmu ma' arti u disinn u teknoloġija ta' l-informatika.

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. Applikazzjonijiet jiġu kkunsidrati biss jekk jiġu sottomessi fuq il-formoli ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ. Dawn jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST *Main Campus*, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. Id-data ta' l-għeluq biex jintlaqgħu dawn l-applikazzjonijiet hija nhar it-Tnejn, l-1 ta' Settembru, 2003 f'nofsinhar. Ma jintlaqgħux applikazzjonijiet li jaslu tard.

It-22 ta' Awissu, 2003

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for:–

Deputy Directors
Institute of Art and Design
Institute of Information and Communication Technology

to act as one of two Deputies to the Director of these Institutes with particular responsibilities for curriculum and staff development. Applicants are to have at least five years managerial experience together with teaching/lecturing experience in the fields related to art and design and information technology.

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Applications will only be considered if submitted on the College application forms. These are available from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. The closing date for receipt of applications is Monday, 1st September, 2003 at noon. Late applications will not be considered.

22nd August, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi ta' *Lecturing Staff*

L-Istitut ta' l-Agribusiness ta' l-MCAST se jibda jaħdem f'Settembru/Ottubru. L-MCAST teħtieġ, f'Malta u/jew f'Għawdex, kemm *full-time* kif ukoll *part-time lecturing staff* li jistgħu jagħtu kontribut f'wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin:–

Prinċipji tax-Xjenza dwar l-Annimali
Prinċipji tax-Xjenza dwar Pjanti u Ħamrija
Kura ta' Bhejjem u Annimali
Ħxejjex u Ortikultura
Ilma u l-Ambjent
Sostenibbli *Farming*
Agribusiness
Prinċpji ta' Makkinarju u *Workshop Skills*

Saru arranġamenti speċjali mal-*Management and Personnel Office* ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku li jixtiequ jkunu fuq bażi ta' *attachment*. Studenti li ggradwaw fl-2003 huma mħeġġin japplikaw.

Jiġu kkunsidrati applikazzjonijiet biss jekk jiġu sottomessi fuq il-formoli ta' l-applikazzjoni tal-Kulleġġ. Dawn jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, MCAST *Main Campus*, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. Id-data ta' l-għeluq biex jintlaqgħu dawn l-applikazzjonijiet hija nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Settembru, 2003 f'nofsinhar. Ma jintlaqgħux applikazzjonijiet li jaslu tard.

It-22 ta' Awissu, 2003

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies of Lecturing Staff

The MCAST Agribusiness Institute will commence operations this September/October. MCAST is seeking to appoint, in Malta and/or Gozo, both full-time and part-time lecturing staff who are able to contribute in one or more of the following areas:–

Principles of Animal Science
Principles of Plant and Soil Science
Livestock and Animal Care
Crops and Horticulture
Water and the Environment
Sustainable Farming
Agribusiness
Principles of Machinery and Workshop Skills

Special arrangements with the Management and Personnel Office of the Office of the Prime Minister have been made for Public Service employees wishing to be on an 'attachment' basis. Students graduating in 2003 are encouraged to apply.

Applications will only be considered if submitted on the College Application Forms. These are available from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. The closing date for receipt of applications is Friday, 5th September, 2003 at noon. Late applications will not be considered.

22nd August, 2003

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami għall-Ħruġ ta' Liċenza ta' *Wireman*
Liċenza 'A' u Liċenza 'B' - Lulju 2003

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat ta' l-Ewwel Parti (eżami bil-miktub) għall-ħruġ ta' Liċenzi ta' *Wireman* - Liċenza 'A' u Liċenza 'B' intbagħat lill-kandidati kollha li resqu għall-eżami.

Dawk il-kandidati li ma rċevewx ir-riżultat huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana.

It-22 ta' Awissu, 2003

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examination for the Issue of Licence of Wireman
Licence 'A' and Licence 'B' - July 2003

The Acting Director of Examinations notifies that the result of Part I (written examination) for the Issue of Licence of Wireman - Licence 'A' and Licence 'B' has been sent to all candidates who set for the examination.

Those candidates who did not receive the result are requested to contact the Examinations Department, Floriana, immediately.

22nd August, 2003

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf li skond il-proċedura stabbilita dwar l-eżamijiet pubbliċi se titla' fil-pubbliku l-karta ta' l-eżami skond kif tidher hawn taħt:-

Eżami għall-Ħruġ ta' Liċenza ta' *Wireman*
Liċenza 'A' u Liċenza 'B' - 2003

It-Tnejn, 1 ta' Settembru, 2003
Prattiku/Intervista

It-tlugħ tal-karti se jsir fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana fis-7.15 a.m.

It-22 ta' Awissu, 2003

EXAMINATIONS DEPARTMENT

The Acting Director of Examinations notifies that according to the procedure established for public examinations, the examination paper will be drawn in public as shown hereunder:-

Examination for the Issue of a Licence of Wireman
Licence 'A' and Licence 'B' - 2003

Monday, 1st September, 2003
Practical/Interview

The papers will be drawn at the Examinations Department, Floriana, at 7.15 a.m.

22nd August, 2003

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżamijiet ta' l-*Edexcel London* Jannar 2004

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf lill-kandidati li bi ħsiebhom joqogħdu għall-eżamijiet ta' l-*Edexcel London* illi l-formoli ta' l-applikazzjoni jintlaqgħu minn nhar it-Tlieta, id-9 ta' Settembru, 2003, sa nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Settembru, 2003, mit-8.00 a.m. sas-1.00 p.m. kif ġej:–

Kandidati f'Malta
Dipartiment ta' l-Eżamijiet,
il-Furjana.

Kandidati f'Għawdex
